*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa B'Urġenza tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 45**

**Il-Ħamis 29 ta' Diċembru 2022.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Schembri – Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
John Schembri - Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**45.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm ittra t'apoloġija tal-Kunsillier is-Sunjura Maryrose Mifsud, filwaqt li l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon u l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli huma skużati ukoll.

**45.3** ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

45.3.1 **Kuntratt tal-Iskart li għandha fil-preżent:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi din il-laqgħa qeda tiġi msejħa minħabba l-kuntratt tal-iskart peress li mit-2 ta' Jannar 2023, il-ġbir tal-iskart ser jibda jsir minn kuntrattur ġdid u dan ġie ingaġġat mir-Reġjun fejn kienu infurmawna illi bejn is-sena 2021 u 2022, dal-kuntratt tal-iskart ser jaqa taħt ir-Reġjuni. Huwa qal ser jibda jispjega *t-time line of events* għaliex hekk kif ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti inqalgħu iktar affarijiet u kif ukoll hemm bżonn li jiġu ċċarati xi affarijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi fil-5 ta' Marzu 2019 il-Kunsill kien ippublika s-sejħa tal-offerti għal ġbir ta' skart għal erbgħa snin kif isir fit-tender skond kif kien mitlub, iżda l-preparamenti għalija jkun ilhu li sar xhur qabel. Huwa kompla jispjega illi fl-4 ta' April 2019 din is-sejħa tal-offerti ingħalqet u għalija kien hemm 2 offerti fejn il-valur kien wieħed ta' madwar €400,000 u l-ieħor ta' madwar €520,000. Huwa kompla jispjega illi dawn il-figuri inħadmu fuq erbgħa snin hekk kif kien mitlub u kif appena jiskadi ż-żmien tas-sottomisjonijiet tal-offerti dawn il-figuri jiġu pubbliċi kemm għal pubbliku kif ukoll għal kuntratturi li ssottmettew l-offerta tagħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ewwel *notice procuerment policy note* min-naħa tad-Dipartiment inħarġet fll-24 ta' April 2019, fejn huwa kwota dak li tgħid il-*policy* speċjalment artiklu 4 li tinqara hekk:

*All heads of contracting authority are being instructed that such tenders which are to be issued during this period, are to be published with a contract duration which is to expire at the end of December 2021 with a possibility of another year extention till the end of year 2022.*

Huwa spjega l-importanza ta' dan il-paragrafu għaliex wara li ħa żewġ parir legali mingħand Avukati differenti, spjega illi meta tinħareġ direttiva jekk ma jkunx hemm miktub b'mod retroattiv allura din tfisser li tista ma tiġiex applikata. Huwa kompla jispjega illi t-*tender* tagħna ma kiex għadu ġie aġġudikat pero` l-Kunsill ma setax jemenda t-*tender,* iżda li seta jgħamel kien li jwaqqaf dan it-*tender* u tinħareġ sejħa oħra mill-ġdid. Huwa qal illi li kieku sar dan, l-Kunsill kien ser jbiddel biss iż-żmien sabiex minflokk 4 snin kien ser jkun fuq sentejn bil-possibilita` li jiġġeded għal sena oħra, kien hemm il-possibilita` illi l-offerent li kien għoli seta ġie orħos mill offerent l-ieħor peress li l-valur tal-offerti kienu ġew pubbliċi u għaldaqstant seta kien hemm riperkusjonijiet legali. Dan kien il-parir legali li l-Kunsill kien ħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jisġjega illi fl-10 ta' Mejju 2019 kienet ħarġet ir-riforma tal-emendi tal-liġi tal-Kunsill Lokali u qara l-paragrafu illi tikkonċerna din il-materja. Huwa kompla jgħid illi fuq parir legali anke din ir-riforma ma kienetx preċiża u ma tgħamel l-ebda refereza li din qed issir b'mod retroattiv. Huwa kompla jispjega illi wara li saret l-evalwazjoni ta' dan it-tender min-naħa tal-bord, fl-4 ta' Ġunju 2019 il-bord irrakomanda din l-offerta u preżentaha lil Kunsill u ġiet approvata f'seduta nru 2 tal-10 ta' Lulju 2019. Huwa qal li fil-31 ta' Lulju 2019 reġa inħareġ *reminder* min-naħa tad-dipartiment rigward din l-emenda. Huwa qal li umbgħad il-kuntratt kien ġie iffirmat fis-26 ta' Awissu 2019.

Is-Segretarju Eżekuttiv ried jiċċara illi peress li fis-seduta tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2022 kien qal illi sa fejn jaf hu ma kienx hemm notifiki dwar din il-emenda, min-naħa tad-Dipartiment informah li ma kienx minnu u għaldaqstant qara il-korrispondenza li kien intbagħat min-naħa tad-Direttur tad-dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2022.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lli għalkemm aħna nistgħu nipproċedu legalment biex inħallu l-kuntrattur preżenti ma konniex ser nsolvu il-problema li kelna għaliex sal-bieraħ stess il-kuntrattur preżenti, wara li ħa l-parir legal tiegħu ma kienx ser jirrinunzja għal kuntratt tiegħu u l-kuntrattur il-ġdid ma kien ser jirrinunzja illi jibda is-servizz u konna ser nispicca b'sitwazzjoni illi nhar it-Tnejn jkollna żewġ kuntratturi sabiex jiġbru l-iskart.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-Kunsill kien offra lil kuntrattur preżenti sabiex noffrulu jgħatina servizz ta xogħol ieħor mhux dak tal-iskart b'valur ekwivalenti jew viċin li dak li kien fadallu jaħdem sal-iskadenza tal-kuntratt, liema ammont jitla għal €80,000. Huwa qal illi l-kuntrattur ma kienx aċċetta din il-proposta.

Is-Sindku qal li din il-problema ma kienetx faċli biex insolvuha, infatti l-bieraħ għamilna ġurnata laqgħat sabiex tissolva din il-problema.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li analizzajna l-*public procurment regulations* artiklu 261 li jinvolvi terminazzjoni ta' kuntratt flimkien mal-Avukat tal-Kunsill, tgħid li ġalarba l-kuntrattur kien għamel xogħolu sew iżda aħna bħala Kunsill xorta qed nitolbu t-terminazzjoni tal-kuntratt, irridu ntuh *compensation* li ma jeċċediex l-ammont tal-*profit* għal dawk il-partijiet li jispiċċaw il-qorti jekk ma jkunx hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet.

Is-Sindku qal li probabilment konna ser nispiċċaw il-qorti mal-kuntrattur preżenti għaliex kienu niżlu ż-żewġ kuntratturi għax-xogħol, il-kuntrattur tagħna kien ser jibgħatilna l-pagament għal ħlas u aħna ma konniex ser inħalsuh u kien ser jispiċċa jdaħalna l-qorti.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi wara l-parir tal-Avukat tal-Kunsill, meta każ bħal tagħna jispiċċa l-qorti u l-qorti taqta din is-sentenza favur il-kuntrattur għaliex ma kienx hemm nuqqasijiet min-naħa tiegħu, dan jiġi kompensat b'20% tal-valur tal-ammont li jkun għad fadallu jieħu. Huwa spjega illi 20% ta €80,000 jammonta għal €16,000 cioe €2000 fix-xahar. Huwa qal li ltqajna mal-kuntrattur preżenti u għalkemm kontra qalbu, il-kuntrattur lest li jaċċetta illi jittermina dan il-kuntratt skond il-*public regulations* illi jieħu 20% tal-valur tal-kuntratt li għad fadallu jonora li jammonta għal €16,000. Huwa qal illi jekk il-Kunsill illum japprova dan il-pagament fuq parir tal-avukat xorta l-aħjar li nġibu l-approvazzjoni ukoll tad-direttur ġeneral tad-dipartiment tal-kuntratti. Huwa qal li ma jeskuldiex il-fatt illi jekk din l-approvazzjoni ma tingħatax illi l-valur ta €16,000 jinqasam f' €2000 fix-xahar għal 8 xhur bħala servizz. Huwa qal li f'kaz xi awtorita` ma tapprovax li jsir dan l-*agreement* bejn il-kunsill u l-kuntrattur allura umbgħad il-kuntrattur jiftħilna kawża l-qorti u tiddeċiedi il-qorti.

Il-Kusnillier Dr. Errol Cutajar qal li huwa importanti illi jekk il-kuntrattur ser jaċċetta l-ammont ta' €16,000, il-pagament jsir *in full and final settlement* u jiġi ddikjarat mill-kuntrattur illi dwar l-istess kuntratt u dwar l-istess terminazzjoni tal-istess kuntratt huma ma għandu l-ebda pretanzjoni kontra l-Kunsill Lokali, għaliex b'hekk l-*option* tal-qorti tiġi eskluża awtomatikament.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk l-ammont hux ser jitħallas f'daqqa jew fix-xahar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li naslu li kull awtorita` tatina l-approvazzjoni allura titħallas *lumpsum*.

Il-Kunsillier il-Perit John Schembri qal jekk bħala Kunsill nistgħux noħorġu €16,000 f'daqqa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nistgħu għaliex qed napplikaw il-*public procurement policy* u mhux bħala *direct order.*

Is-Sindku qal li ltaqgħu ukoll mal-kuntrattur il-ġdid u qal li issa skips ma jistax jbattalhom għaliex dan il-kuntratt qiegħed biss fuq *houshold waste* u mhux kummerċjali u qed jiddiskutu flimkien kif ser jibtgħattal il-bidni u l-area ta' San tumas fejn hemm il-*boat houses.*

Is-Sindku ippropona illi jekk nottjenu l-approvazzjoni tad-Direttur tad-dipartiment tal-kuntratti u jekk ikun il-każ ta awtoritajiet oħra jaqbel illi jitħallas il-kumpens ta €16,000 lil R&A waste services ltd sabiex jiġi itterminat il-kuntratt.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**45.10 <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-6.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss diġa kienet skedata fil-laqgħa tal-Kunsill Nru 44.

Ikkonfermat illum 29 ta' Diċembru 2022.

| | |
|---|---|
| ***IFFIRMAT*** | ***IFFIRMAT*** |
| ______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |